MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru. 1066/2002

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR NORBERT CIAPPARA)**
**(SPETTUR NEIL HARRISON)**
**(SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT)**

**VS**

**DUNCAN FARRUGIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Duncan Farrugia iben Anthony u Margaret nee' Psaila u imwieled Pieta' fid-9 ta' Dicembru 1981 u

residenti Marton, Triq il-Maghsar, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 661181(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer fid-29 ta' Dicembru 2002 u il-granet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Genrali (esebita a fol. 6 tal-process) datat 31 ta' Dicembru 2002 fejn huwa ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Genrali (esebit a fol. 242 tal-process) datat 10 ta' Marzu 2006 mahrug bis-sahha tal-Artikoli 22(2) u 31 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa ordna li l-kaz tal-imputat odjern jigi maqtugh u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha processwali u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-kaz odjern huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-29 ta' Dicembru 2002, fil-kors tal-investigazzjonijiet dwar il-mewt ta' certu Leonard Magro li kien instab mitluf minn sensieh hdejn ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid u fejn sussegwentement irrizulta li dan kien miet b'overdose ta' eroina, kienet saret tfittxija mill-membri tal-Iskwadra Kontra d-Droga fir-residenza tal-imputat gewwa Marsascala fejn huwa kien jirrisjedi flimkien ma' ohtu Claire Farrugia. L-investigazzjonijiet kienu propjament jirrigwardaw lil oht l-imputat izda saret tfittxija fl-appartament kollu u fil-kamra tas-sodda tal-imputat, precizament fil-but ta' glekk lli kien hemm imdendel fi

gwardarobba instab pakkett tas-sigaretti bi tlettax il-bicca ta' sustanza kannella imgerrba individwalment fil-foil, liema sustanza kienet suspettata li kienet  raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis u fil-kartiera tal-imputat instabet bicca ohra sustanza kannella li kienet suspettata li kienet raza tal-cannabis. Mill-provi, senjatament mill-istqarrija tal-imputat li tinsab esebita a fol. 18 sa 20 tal-process, jirrizulta li l-imputat mal-ewwel accetta r-responsabilita' ghal dawn il-bicciet tas-sustanza suspettata li kienet raza tal-cananbis, fis-sens li huwa qal li dawn kienu tieghu u kkonferma wkoll li kienu raza tal-cannabis. L-imputat izda sostna li huwa kien akkwista dawn il-bicciet raza tal-cannabis ghall-uzu personali tieghu u spjega li kein iltaqa' Paceville ma' certu persuna bil-laqam ta' 'Pini' u dan tal-ahhar kien qallu li kellu bicciet tar-raza tal-cannabis bi prezz tajjeb u ftiehem mieghu li jiltaqghu fis-26 ta' Dicembru 2002 fil-kumpless tal-Gallarija l-Fgura fejn huwa mbaghad xtara dawn il-bicciet tal-cannabis ghall-prezz ta' mitt lira maltin (Lm100). L-imputat spjega inoltre li huwa xtara r-raza tal-cannabis minghand dan il-Pini diga' mqatta' f'bicciet zghar u mgerrba fil-foil kif sabuha l-membri tal-Iskwadra Kontra d-Droga waqt it-tfittxija taghhom.  Huwa qal ukoll li wara li xtara dawn il-bicciet tar-raza tal-cannabis hadhom il-flat tieghu u hbiehom fil-glekk.

Din is-sustanza li nstabet fir-residenza tal-imputat giet ezaminata mill-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali, l-Ispizjar Mario Mifsud, in-nomina ta' liema giet ikkonfermata f'dawn il-proceduri permezz ta' digriet tat-2 ta' Mejju 2003. Minn ezami tar-rapport tal-imsemmi espert (esebit a folio 193 sa 211 tal-process) jirrizulta li fil-blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 02 DER 206, 211 u 212, f' ammont nett totali ta' 22.872 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Din is-sustanza, li tigi mill-pjanta tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 Tl-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 247 sa 249 tal-process) fejn huwa

ikkonferma l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija a tempo vergine, u cioe' meta rrilaxxja l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab akkuzat bl-hekk imsejjah pussess aggravat u cioe' l-Prosekuzzjoni tirritjeni li l-ammont tar-raza tal-cannabis li nstab fil-pussess tal-imputat jindika li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. F'dan il-kaz il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-fatt jekk is-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat kienitx ghall-uzu personali tieghu biss kif qed issostni d-Difiza jew inkella kienitx intiza ghall-ispacc kif qed issostni l-Prosekuzzjoni.

Waqt it-trattazzjoni finali l-Prosekuzzjoni sostniet li l-ammont tad-droga li nstabet u l-forma li fiha instabet, u cioe' ir-raza tal-cannabis kienet imqatta' f'erbatax il-bicca zghar li kienu imgerbin individwalment fil-foil, tindika li din ma setghatx kienet ghall-uzu esklussiv tal-imputat izda kienet intiza ghall-ispacc.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza u jidrillha li ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. F'dan ir-igward il-Qorti tirrileva li minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar il-pussess aggravat jirrizulta li dejjem gie ritenut li meta tinstab droga f'ammonti konsiderevoli, jekk tinghata raguni mill-akkuzat ghall-prezenza konsidervoli li tkun tissodisfa l-Qorti, allura ir-reat ta' pussess aggravat ma jitqiesx li jkun gie pruvat. F'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-26 ta' Awissu 1998 fil-kawz fl-ismijiet 'Pulizjia vs Carmel Degiorgio' il-Qorti qalet hekk:-

**"Il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizejjed."**

F’kaz iehor l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza tat-2 ta’ Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizjia vs Carmel Spiteri’ il-Qorti qalet is-segwenti:-

*“Huwa veru kif tajjeb osservat l-l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li meta l-ammont ta’ droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahidha tkun bizzejjed biex tissodisfa l-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati”*

Pero’ il-Qorti tal-Appell Kriminali ziedet tghid ukoll:-

*“Fil-kaz in dizamina, pero’, din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe’ li l-pusess in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant”.*

Fl-imsemmi kaz si trattava ta’ blokka raza tal-cannabis tizen 179.8 grammi.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta’ erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta’ 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta’ mitt lira (Lm100). Huwa minnu li d-droga li nstabet kienet diga’ maqsuma f’bicciet zghar u mgerrba f’bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m’huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b’xi mod jindikaw li tali droga  ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand l-imputat jew inkella is-sejba ta’ flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu. Irid jigi rilevat li t-tfitxija li saret fir-residenza tal-imputat ma saritx ghaliex kien hemm xi indikazzjoni li xi hadd kien xtara jew otjena id-droga minghandu. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat

irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u tat piz konsiderevoli lix-xhieda ta' Liliana Micallef (depsoizzjoni relattiva inserita a fol. 250 u 251 tal-process) li hija social worker addetta mas-Sedqa fejn din qalet li l-imputat ilu ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u hames (5) xhur jittiehdulu urine tests sabiex jigi stabbilit jekk huwa kienx ghadu qed jabbuza mis-sustanza cannabis u dawn it-testijiet dejjem irrizultaw fin-negattiv. Hija inoltre ikkonfermat li kienet qed issegwi l-hajja personali tal-imputat u setghat tikkonstata li f'dawn l-ahhar snin huwa rnexxielu jibni hajja stabbli u minghajr droga. Dan il-fatt gie ukoll ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Norbert Ciappara. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m'huwiex opportun li tigi mposta piena karceraja.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 8 u 22 (2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta tiddikjara li qed isib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu limitatament in kwantu jirrigwarda l-pussess semplici u tikkundanna lill-imputat multa ta' elf mija u sittax il-Ewro (1116.00€).

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahrejn (2) millum ihallas is-somma ta' sitta u sebghajn lira u hamsa u ghoxrin centezmu Maltin (LM 76.25c) ekwivalenti f' Ewro ghal mija sebgha u sebghajn Ewro u wiehed u sittin Ewro centezmi (177.61€ ) li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-espert Mario Mifsud f'dan il-kaz.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------